

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1238/95**
tal-31 ta' Mejju 1995

li jistabbilixxi r-regoli ta' l-implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-piżijiet pagabbli lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

(OJ L 121, 1.6.1995, p. 31)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>E1</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 tas-17 ta' Ġunju 1997	L 162	1	19.6.1997
► <u>M1</u>	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 329/2000 tal-11 Frar 2000	L 37	19	12.2.2000
► <u>M2</u>	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 569/2003 tat-28 ta' Marzu 2003	L 82	13	29.3.2003
► <u>M3</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2005 ta l-20 ta Lulju 2005	L 189	26	21.7.2005
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2039/2005 ta' l-14 ta' Diċembru 2005	L 328	33	15.12.2005

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).



IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1238/95

tal-31 ta' Mejju 1995

li jistabbilixxi r-regoli ta' l-implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-piżijiet pagabbli lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 rigward id-drittijiet Komunitarji dwar il-varjetajiet tal-pjanti (ir-Regolament Bażiku) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 2100/94 irid jiġi implimentat mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (L-Uffiċċju); billi l-introjtu ta' l-Uffiċċju għandu fil-prinċipju jkun biżżejjed għalbiex jibbilanċja l-estimi finanzjarji ta' l-Uffiċċju; billi dawn l-introjti għandhom ikunu jistgħu jiġu akkwistati mill-piżijiet li jridu jitħallsu għall-atti uffċjali dikjarati fir-Regolament Bażiku u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1239/95 tal-31 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi r-regoli ta' l-implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti ⁽²⁾ (ir-Regolament tal-Proċedimenti) kif ukoll bil-piżijiet annwali li jitħallsu għat-tul taż-żmien ta' dritt Komunitarju għall-varjetà ta' pjanta;

Billi sussidju mill-estimi finanzjarji ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jistgħu jkopru n-nefqa fuq il-fażi tal-bidu tal-ħidmiet ta' l-Uffiċċju għall-perjodu transitorju taż-żmien iddefinit fl-Artikolu 113(3)(b) tar-Regolament; billi estensjoni ta' dan il-perjodu taż-żmien għal sena bis-saħħa ta' l-istess dispożizzjoni;

Billi din l-estensjoni tal-perjodu transitorju taż-żmien għandha tiġi kunsidrata jekk ma tkunx inkisbet esperjenza biżżejjed sabiex jiġu fissati livelli raġjonevoli tal-piżijiet li jiżguraw il-prinċipju tal-finanzjament minnu nni fsu filwaqt li ssalva l-attrazzjoni tas-sistema Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-varjetajiet tal-pjanti; billi din l-esperjenza tista' tinkiseb biss billi jiġu osservati n-numru ta' l-applikazzjonijiet għal dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta, l-ispejjeż imħallsa lill-Uffiċċji ta' Eżamijiet u t-tul attwali taż-żmien konċess lid-drittijiet Komunitarji għall-varjetà tal-pjanti;

Billi l-livell tal-piżijiet għandu jkun imsejjes fuq il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda fi ħdan l-Uffiċċju, u b'mod partikolari l-impatt ekonomiku u l-effettività taħt il-profil tal-ġestjoni u ta' l-ispejjeż;

Billi, fl-interessi tal-maniġġjar simplifikat mill-personal ta' l-Uffiċċju, għandhom mhux biss jiġu sabbiliti l-piżijiet, imma wkoll imposti u mħallsa fl-istess unità ta' munita korrenti kif użata għall-estimi finanzjarji ta' l-Uffiċċju;

Billi l-piż ta' l-applikazzjoni għandu jkun piż uniformi li jkopri biss l-ipproċessar ta' applikazzjoni għal dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta magħmula rigward kull speċie mogħtija ta' pjanta;

Billi l-limitu taż-żmien għall-ħlas tal-piż ta' l-applikazzjoni skond l-Artikolu 51 tar-Regolament Bażiku għandu jiġi kunsidrat bħala l-perjodu taż-żmien bejn l-atti meħtieġa għall-ħlas u l-irċevuta attwali ta' dan il-ħlas mill-Uffiċċju, b'mod partikolari l-ħtieġa għall-irkupru bil-ħeffa ta' l-ispejjeż diġà miġrura mill-Uffiċċju fuq in-naħa l-waħda u sabiex jiġi faċilitat l-inkartament ta' l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-possibiltà ta' distanzi kbar bejn l-applikant u l-Uffiċċju, fuq in-naħa l-oħra;

⁽¹⁾ ĠU L 227, ta' l-1.9.1994, p. 1

⁽²⁾ Ara paġna 37 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

▼B

Billi t-total tal-piżijiet ta' l-eżami li huma imposti għal eżami tekniku għandu, fil-prinċipju, jibbilanċja l-piżijiet totali li jridu jitħallsu mill-Uffiċċju lill-Uffiċċji kollha ta' Eżamijiet; billi l-ispejjeż għall-manteniment tal-ġabra ta' riferiment ma għandhomx bi ħtieġa jkunu koperti għal kollox bil-piżijiet imposti ta' l-eżamijiet; billi l-livell tal-piż ta' l-eżami għandu jvarja bejn tliet gruppi ta' speċie ta' pjanti fid-dawl ta' l-esperjenza disponibbli mill-arranġamenti nazzjonali eżistenti għall-protezzjoni tal-varjeta tal-pjanti;

Billi l-piżijiet annwali għat-tul taż-żmien tad-dritt Komunitarju għal varjetà ta' pjanta għandhom jikkostitwixxu sors miżjud ta' l-introjt għall-Uffiċċju, iżda għandhom, inter alia, ikopru l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-verifika teknika tal-varjetajiet wara l-konċessjoni ta' dritt Komunitarju għall-varjetà tal-pjanti u, b'konsegwenza ta' dan, għandhom isegwu l-aggruppament stabbilit għall-piżijiet ta' l-eżami;

Billi l-piż ta' l-appell għandu jkun uniformi sabiex ikopri l-komponenti ewlenin ta' l-ispiża li għandha x'taqsam mal-proċeduri ta' l-appell, bl-eċċezzjoni ta' l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' eżami tekniku skond l-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament Bażiku jew ta' kull smiġh ta' xhieda; billi żewġ dati differenti għall-ħlasijiet għandhom iservu bħala inċentiv lill-appellanti sabiex jikkunsidraw mill-ġdid l-appell tagħhom fid-dawl tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Uffiċċju skond l-Artikolu 70(2) tar-Regolament Bażiku;

Billi piżijiet oħra rigward talbiet speċifiċi għandhom fil-prinċipju jkopru l-ispejjeż li jkunu miġrura waqt il-proċessar tagħhom mill-Uffiċċju, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet fuq dawn it-talbiet;

Billi sabiex jiżgura l-flessibiltà fil-ġestjoni ta' l-ispejjeż, il-President ta' l-Uffiċċju għandu jingħata l-poter li jistabbilixxi l-piżijiet li jridu jitħallsu għar-rapporti ta' l-eżamijiet li jkunu diġà jeżistu fid-data ta' l-Applikazzjoni u li ma jkunux disponibbli lill-Uffiċċju, u għal servizzi speċifiċi mogħtija;

Billi jistgħu jiġu imposti ħlasijiet oġhla min-normal sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż mhux meħtieġa għall-Uffiċċju li jinħolqu min-nuqqas ta' koopezzjoni min-naħa ta' applikanti partikolari għad-drittijiet Komunitarji tal-varjetajiet tal-pjanti, jew il-pussessuri tagħhom;

Billi fid-dawl ta' l-Artikolu 117 tar-Regolament Bażiku, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli;

Billi ġie konsultat il-Kunsill Amministrattiv ta' l-Uffiċċju;

Billi d-dispożizzjonijiet li ġew provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar id-Drittijiet tal-Varjetajiet tal-Pjanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Skop

1. Il-piżijiet mistħoqqa lill-Uffiċċju, kif ipprovvdut fir-Regolament Bażiku u fir-Regolament tal-Proċeduri, għandhom ikunu imposti skond dan ir-Regolament.
2. Il-piżijiet dovuti lill-Uffiċċju għandhom ikunu stabbiliti, imposti u mħallsa f'ecu.
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull impost miżjud, mistħoqq lill-Uffiċċju.
4. Id-dettalji tal-piżijiet li jistgħu jiġu imposti mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku jew ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu regolati bir-regoli nazzjonali rilevanti ta' l-Istati Membri interessati.

▼B

5. Meta l-President ta' l-Uffiċċju jingħata l-poter u l-manjiera li fihom iridu jħallsu, dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu ppublikati fuq il-Gazzetta Uffiċjali ta' l-Uffiċċju.

*Artikolu 2***Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Għal kull materja individwali, parti għall-proċedimenti kif speċifikat fir-Regolament tal-Proċedimenti għandha tkun obbligata li tħallas il-piżijiet jew l-imposti miżjuda. Fil-każ ta' numru ta' partijiet għall-proċedimenti li jaġixxu flimkien jew f'isimhom jiġi segwit kors komuni ta' azzjoni, kull parti għandha tkun disponibbli għal dan il-ħlas bħala debitur konġunt.

2. Għajr jekk ipprovdut xorta oħra f'dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju, inkluż dispożizzjonijiet rigward l-ilsna, kif stabbiliti fir-Regolament Bażiku u r-Regolament tal-Proċedimenti.

*Artikolu 3***Il-metodu tal-ħlas**

1. Il-piżijiet u l-impost miżjuda mistħoqqa lill-Uffiċċju għandhom jitħallsu bit-trasferiment fil-kont tal-bank miżmum mill-Uffiċċju.

2. Il-President ta' l-Uffiċċju jista' jippermetti l-għamliet alternattivi ta' ħlas li ġejjin skond ir-regoli dwar il-metodi tax-xogħol li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 36(1)(d) tar-Regolament Bażiku:

- (a) il-kunsinna jew għotja ta' ċekkijiet li jiġu magħmulha li jitħallsu f'ecu lill-Uffiċċju;
- (b) it-trasferiment fl-ecu f'kont ta' l-imposti miżmum mill-Uffiċċju; jew
- (ċ) il-ħlas f'kont ta' imposti miżmum fl-ecu mill-Uffiċċju.

*Artikolu 4***Id-data trid tiġi meqjusa bħala d-data li fiha jiġi rċevut il-ħlas**

1. Id-data li fiha ħlas ta' piżijiet ta' imposti miżjuda għandhom jiġu kunsidrati li ġew rċevuti mill-Uffiċċju għandha tkun id-data li fiha l-ammont tat-trasferiment referit fl-Artikolu 3(1) jiddaħħal f'kont bankarju miżmum mill-Uffiċċju.

2. Meta l-President ta' l-Uffiċċju jippermetti għamliet oħra ta' ħlas skond l-Artikolu 3(2), għandu fl-istess waqt jinkludi wkoll fil-kundizzjonijiet id-data li trid tiġi meqjusa bħala d-data li fiha l-ħlas ikun ġie rċevut.

▼M2

3. Fejn jitqies li l-ħlas ma jkunx ġie rċevut mill-Uffiċċju fil-limitu ta' żmien meħtieġ, dak il-limitu ta' żmien għandu jitqies li jkun ġie osservat vis-à-vis l-Uffiċċju fejn tiġi prodotta xhieda dokumentata suffiċjenti f'dak il-limitu ta' żmien li turi li l-persuna li tagħmel il-ħlas tkun debitament tat ordni lill-stabiliment bankarju jew uffiċċju postali biex jittrasferixxi l-ammont tal-ħlas f'ewro għall-kont bankarju miżmum mill-Uffiċċju f'dak il-limitu ta' żmien.

5. Xhieda dokumentata għandha titqies bħala suffiċjenti skond it-tifsira tal-punt 3 fejn konferma tal-provvista ta' l-ordni tat-trasferiment, maħruġa minn stabiliment bankarju jew uffiċċju tal-posta tiġi prodotta. Iżda, fejn it-trasferiment ordnat kien trasferiment li juża l-metodu ekettroniku ta' ħlas bankarju SWIFT, il-konferma tal-provvista ta' l-ordni tat-trasferiment għandha tieħu l-forma ta' kopja tar-rapport SWIFT,

▼ M2

ittimbrat u ffirmat minn uffiċjal debitament awtorizzat tal-bank jew uffiċju tal-posta.

▼ B*Artikolu 5***L-isem tal-persuna li tagħmel il-ħlas u l-iskop tal-ħlas**

1. Persuna li tagħmel ħlas tal-piżijiet jew ta' l-imposti miżjuda għanda tindika bil-kitba isimha u l-iskop ta' dan il-ħlas.
2. Jekk l-Uffiċċju ma jistax jistabilixxi l-iskop tal-ħlas, għandu jehntieg lill-persuna li tkun għamlet il-ħlas li tgharrafa bih bil-kitba fi żmien xahrejn. Jekk l-iskop ma jiġix indikat f'dan il-perjodu taż-żmien, il-ħlas jiġi meqjus li ma jkunx sar u għandu jiġi rifjutat lill-persuna li tkun għamlitu.

*Artikolu 6***Il-ħlas mhux biżżejjed**

Limitu ta' żmien għall-ħlas tal-piżijiet jew ta' l-imposti miżjuda għandu, fil-prinċipju, jittieħed li jkun ġie osservat biss jekk l-ammont sħiħ tal-piż jew ta' l-imposta miżjuda jkunu ġew imħallsa fiż-żmien stabbilit. Jekk il-piżijiet jew l-imposti miżjuda ma' jitħallsux fl-intier tagħhom, l-ammont li jkun ġie mħallas għandu jiġi rifjutat wara li jkun skada kull limitu taż-żmien tal-ħlas. L-Uffiċċju jista' , madankollu, meta jiġi kunsidrat bħala ġustifikat, jagħlaq għajnejh dwar kull nuqqas żgħir, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-persuna li tagħmel il-ħlas.

*Artikolu 7***Il-piż ta' l-applikazzjoni**

1. L-applikant għal dritt Komunitarji għal varjetà ta' pjanta għandu jħallas piż ta' l-applikazzjoni ta' ► **M1** 900 ◀ ECU għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni skond l-Artikolu 113(2)(a) tar-Regolament Bażiku.
2. L-applikant għandu jieħu l-passi meħieġa għall-ħlasijiet tal-piż ta' l-applikazzjoni, skond l-Artikolu 3, qabel jew fid-data li l-applikazzjoni tkun ġiet inkartata fl-Uffiċċju dirett jew f'wieħed mill-Uffiċċji sekondarji stabbiliti jew l-aġenziji nominati, skond l-Artikolu 30(4) tar-Regolament Bażiku; l-Artikolu 4(4) għandu japplika *mutatis mutandis*.
3. Jekk il-ħlas tal-piż ta' l-applikazzjoni ikun kkunsidrat li ma ġiex irċevut fl-istess żmien li tkun ġiet rċevuta l-applikazzjoni mill-Uffiċċju, l-Uffiċċju għandu jispeċifika, skond l-Artikolu 51 tar-Regolament Bażiku, perjodu taż-żmien ta' ġimagħtejn li fih id-data formali ta' l-applikazzjoni, assenjata skond l-Artikolu 51 imsemmi hawn fuq, ma għandhiex tkun affettwata; talba ġdida għall-ħlas kif iprovvdut fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament Bażiku ma tkunx maħruġa lill-applikant qabel l-egħluq tal-perjodu taż-żmien.
4. Jekk il-ħlas tal-piż ta' l-applikazzjoni ikun kunsidrat li ma ġiex irċevut fiż-żmien speċifikat skond il-paragrafu 3, id-data tal-irċevuta tal-ħlas għandha tiġi ttrattata bħala d-data ta' l-applikazzjoni għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 51 tar-Regolament Bażiku.

▼ M2

5. Il-paragrafu 4 m'għandux japplika meta l-applikazzjoni tkun akkumpanjata minn xhieda suffiċjenti dokumentata li turi li l-persuna li tkun għamlet il-ħlas tkun debitament tat ordni lil stabbiliment bankarju jew uffiċju postali biex jittrasferixxi l-ammont ta' ħlas f'ewro f'kont bankarju miżmum mill-Uffiċċju; l-Artikolu 4(5) għandu japplika *mutatis mutandis*.

▼B

6. Sakemm il-ħlas tal-piż ta' l-applikazzjoni jkun kunsidrat li ma għiex irċevut mill-Uffiċċju, dan m' għandux jippubblika l-applikazzjoni interressata u għandu jiddiferixxi l-eżami tekniku.

▼M2

7. Fejn tiġi riċevuta t-tariffa ta' l-applikazzjoni iżda l-applikazzjoni ma tkunx valida skond l-Artikolu 50 tar-Regolament bażiku, l-Uffiċċju għandu jżomm ewro 300 mit-tariffa ta' l-applikazzjoni u jirrifondi l-bqija meta jinnotifika lill-applikant bin-nuqqasijiet misjuba fl-applikazzjoni.

▼B*Artikolu 8***Il-ħlasijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-eżami tekniku**

1. Il-piżijiet sabiex tiġi rranġata u mwettqa l-eżami teknika ta' varjetà li tkun bla ħsara għal applikazzjoni għall-"piż ta' l-eżami" għad-dritt Komunitarju għall-varjetà tal-pjanti għandhom jitħallsu skond l-Anness I għal kull perjodu mibdi taż-żmien tat-tkabbir. Fil-każ tal-varjetajiet li għalihom irid jintuża ripetutament materjal b'komponenti speċifiċi għall-produzzjoni tal-materjal, għandu jkun mistħoqq il-piż ta' l-eżami stabbilit fl-Anness I rigward din il-varjetà għal kull komponent li għalih ma tkunx disponibbli deskrizzjoni uffiċjali u li ukoll trid tiġi eżaminata; madankollu, f'kull ċirkostanza ma għandux jaqbeż it-3 000 ECU.

2. Il-piż ta' l-eżami għall-ewwel perjodu taż-żmien tat-tkabbir għandu jkun mistħoqq u mħallas mhux aktar tard ► **M1** — ◀ mid-data tal-egħluq ta' meta jkun għie rċevut il-materja ta' l-eżami tekniku.

3. Il-piż ta' l-eżamin għal kull perjodu sussegwenti taż-żmien tat-tkabbir għandu jkun mistħoqq u mħallas sa mhux aktar tard minn xahar qabel id-data ta' dan il-perjodu taż-żmien sakemm l-Uffiċċju ma jiddeċedix xorta oħra.

4. Il-President ta' l-Uffiċċju għandu jippubblika d-dati għall-ħlas għall-piżijiet ta' l-eżami fil-Gazzetta Uffiċjali ta' l-Uffiċċju.

5. Fil-każ ta' rapport ta' eżami dwar ir-riżultati ta' eżami tekniku li jkun diġà twettaq, skond l-Artikolu 27 tar- ► **M1** Regolament tal-Proċedimenti ◀, qabel id-data ta' l-applikazzjoni skond l-Artikolu 51 tar-Regolament Bażiku, għandu jkun mistħoqq piż amministrattiv f'dak il-limitu taż-żmien kif l-Uffiċċju jispeċifika.

*Artikolu 9***Il-piż annwali****▼M4**

1. L-uffiċċju għandu jitlob miżata mid-detentur ta' dritt komunitarju ta' varjeta ta' pjanta (minn hawn jissejjaħ "id-detentur") għal kull sena sakemm idum id-dritt komunitarju tal-varjetà tal-pjanta (minn hawn tissejjaħ "miżata ta' kull sena") ta' 300 EUR għas-snin 2003 sa l-2005 u 200 EUR għas-sena 2006 u għas-snin ta' wara. Meta persuna tkun hallsat miżata ta' 300 EUR għas-sena 2006, l-uffiċċju għandu jirrinborsa d-differenza ta' 100 EUR lil dik il-persuna.

▼M2

2. Il-ħlas tat-tariffa annwali għandu jkun dovut:

- (a) b'relazżjoni ma' l-ewwel sena tat-terminu ta' dritt tal-Komunità ta' varjetà ta' pjanti, fi żmien 60 jum mid-data ta' l-għoti tad-dritt; u
- (b) b'relazżjoni tas-snin sussegwenti tat-terminu tad-dritt tal-Komunità ta' varjetà ta' pjanti, fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar kalendarju li jiġi qabel ix-xahar li fih jiġi l-anniversarju tad-data mogħtija.

▼B

3. L-Uffiċċju għandu joffri lill-pussessur talba li jkun fiha s-suġġett tal-ħlas, l-ammont mistħoqq, id-data tal-ħlas, u tagħrif dwar il-possibbiltà ta' impost miżjud skond l-Artikolu 13(2)(a).
4. L-Uffiċċju ma għandu jirrifondi l-ebda ħlas li jkun ġie effettwat sabiex jinżamm fis-seħħ id-dritt Komunitarju għall-varjeta tal-pjanti.

*Artikolu 10***Il-piżijiet għall-proċessar ta' talbiet speċifiċi**

1. Il-piżijiet għall-proċessar ta' talba, li jitħallsu mill-persuna li tagħmel din it-talba, għandhom ikunu kif ġej:
 - (a) għal applikazzjoni għal dritt obligatorju ta' l-isfruttament, inkluż kull dħul fir-Reġistri, applikazzjoni għad-dritt ta' l-isfruttament li jrid jingħata mill-Uffiċċju skond l-Artikolu 100(2) tar-Regolament Bażiku, jew talba li temenda dawn id-drittijiet ta' l-isfruttament, għal darbha mgħotijin (piż obligatorju ta' liċenzja), għajr għall-Kummissjoni jew għal Stat Membru fiċ-ċirkostanzi referiti fl-Artikolu 29(2) tiegħu: 1 500 ECU;
 - (b) għal talba għad-dħul li ġej fir-Reġistru Komunitarju għad-drittijiet għal varjetajiet tal-pjanti (piż ta-Reġistru):
 - it-trasferiment ta' dritt Komunitarju għal varjetà tal-pjanti, dritt kontrattwali ta' l-isfruttament,
 - l-identifikazzjoni tal-varjetajiet bħala bidu jew essenzjalment idderivati,
 - li jiġu istitwiti l-azzjonijiet rigward il-pretensjonijiet riferiti fl-Artikoli 98(1), (2) u 99 tar-Regolament Bażiku,
 - dritt Komunitarju għal varjetà tal-pjanti mogħti bħala garanzija jew bħala s-suġġett tad-drittijiet *in rem*, jew
 - kull imposta ta' eżekuzzjoni kif referit fl-Artikolu 24 tar-Regolament Bażiku: ►**M2** Ewro 100 ◀;
 - (c) għal talba għad-dħul fir-Reġistru ta' l-Applikazzjonijiet għad-drittijiet Komunitarji għall-varjetajiet tal-pjanti jew ir-Reġistru tad-drittijiet Komunitarji għall-varjetajiet tal-pjanti, għajr dawk diġà referiti fil-(a) u fil-(b) hawn fuq: 100 ECU;
 - (d) għal talba sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' l-ispejjeż skond l-Artikolu (5) tar-Regolament: 100 ECU;
2. Il-piżijiet referiti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mistħoqqa u mħallsa fid-data ta' meta tkun irċevuta t-talba li għalihom tkun saret. Meta l-ħlas ma jkunx ġie rċevut fiż-żmien stabbilit, għandu japplika l-Artikolu 83(2) tar-Regolament Bażiku.

▼M2

3. Fejn talba għad-dħul imsemmi fil-punt (b) jew (c) tal-paragrafu 1 tikkonċerna katar minn applikazzjoni jew dritt reġistrat wieħed, li dwarhom issir applikazzjoni jew ikunu miżmuma mill-istess persuna, għandha tintalab tariffa waħda biss.

▼B*Artikolu 11***Il-piż għal Appell**

1. L-appellant għandu jħallas piż ta' Appell ta' 1 500 ECU għall-proċessar ta' Appell, kif ipprovdut fl-Artikolu 113(2)(c) tar-Regolament Bażiku.
2. Terz mill-piż ta' l-appell għandu jkun mistħoqq fid-data li l-appell jiġi rċevut fl-Uffiċċju; l-Artikolu 83(2) tar-Regolament Bażiku għandu

▼B

japplika għal dan it-terz.. Il-bqija taż-żewġ terzi tal-piż ta' l-appell għandha tkun mistħoqqa, fuq it-talba ta' l-Uffiċċju, fi żmien xahar wara l-bgħit tal-każ mill-korp rilevanti ta' l-Uffiċċju tal-Bord ta' l-Appell.

3. Għandha tiġi ordnata rifużjoni tal-piż ta' l-appell diġà mħallsa, fil-każ ta' reviżjoni interlokutorja, taħt l-awtorità tal-President ta' l-Uffiċċju u f'każijiet oħra mill-Bord ta' l-Appelli, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 83(4) tar-Regolament Bażiku.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-Kummissjoni jew għal Stat Membru, meta l-appellant ikun kontra d-deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 29(2) tar-Regolament Bażiku.

*Artikolu 12***Il-piżijiet stabbiliti mill-President ta' l-Uffiċċju**

1. Il-President ta' l-Uffiċċju għandu jistabilixxi l-piżijiet fuq il-materji li ġejjin:

(a) il-piż amministrattiv referit fl-Artikolu 8(5);

▼M3

(b) Ħlasijiet għall-ħruġ ta kopji ċertifikati ta dokumenti; u

▼B

(ċ) il-piżijiet rigward il-Gazzetta Uffiċjali ta' l-Uffiċċju (l-Artikolu 89 tar-Regolament Bażiku, l-Artikolu 87 tar-Regolament tal-Proċedimenti) u dwar kull pubblikazzjoni oħra ► **M1** maħruġ mill-Uffiċċju; u ◀

▼M1

(d) il-miżata amministrattiva li ssir riferenza għaliha fl-Artikolu 82(2) tar-Regolament tal-Proċedimenti.

▼B

2. Il-President ta' l-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jagħmel is-servizzi imsemmija taħt il- ► **M1** paragrafu 1(b), (ċ) u (d) ◀ dipendenti fuq ħlas bil-quddiem.

*Artikolu 13***L-imposti miżjuda**

1. L-Uffiċċju jista' jagħmel imposti miżjuda fuq il-piż ta' l-applikazzjoni jekk jistabilixxi illi:

(a) denominazzjoni proposta ma tistax tiġi approvata, skond l-Artikolu 63 tar-Regolament Bażiku, għar- raġuni li tkun identika għal denominazzjoni ta' varjetà oħra jew għar-raġuni li tkun differenti minn denominazzjoni ta' l-istess varjetà; jew

(b) applikant għad-dritt Komunitarju għal varjetà ta' pjanta jagħmel proposta ġdida għal denominazzjoni ta' varjetà għajr jekk kien meħtieġ mill-Uffiċċju li jagħmel dan jew għajr jekk ikun segwa applikazzjoni għal dritt Komunitarju għal varjetà ta' pjanta skond l-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Proċedimenti.

L-Uffiċċju ma għandux jippubblika proposta għal denominazzjoni ta' varjetà qabel il-ħlas ta' imposta miżjuda magħmula skond id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu.

2. L-Uffiċċju jista' jagħmel imposta miżjuda fuq il-piż annwali jekk jistabilixxi illi:

(a) il-pussessur ikun naqas li jħallas il-piż annwali skond l-Artikolu 9 (2) u (3); jew

▼B

(b) id-denominazzjoni ta' varjetà trid tiġi emendata fil-każ ta' dritt konfliġġenti minn qabel ta' parti terza,

kif stabbilit fl-Artikolu 66(1) tar-Regolament Bażiku. 3. L-imposti miżjuda riferiti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu imposti skond ir-regoli tal-metodi tax-xogħol li jridu jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 36(1) (d) tar-Regolament Bażiku, għandhom jammontaw għal 20 % tal-piż interessat, bla ħsara għall-minimu ta' 100 ECU, u għandhom ikunu mistħoqqa u mħallsa fi żmien xahar mid-data li fiha l-Uffiċċju joħroġ talba.

*Artikolu 14***Id-derogi**

1. Minkejja l-Artikolu 7, id-data formali ta' l-applikazzjoni assenjata taħt l-Artikolu 51 tar-Regolament Bażiku għandha tibqa' valida rigward l-applikazzjonijiet kollha inkartati skond l-Artikolu 116(1) jew (2) tiegħu jekk tiġi prodotta xhieda biżżejjed l-iktar sat-30 ta' Settembru 1995 illi l-applikant għad-dritt Komunitarju għal varjetà ta' pjanta jkun wettaq l-atti meħtieġa għall-ħlas tal-piż ta' l-applikazzjoni.

2. Minkejja l-Artikolu 8(5), għandu jitħallas piż amministrattiv ta' 100 ECU meta jitwettaq eżami tekniku tal-varjetà fuq il-bażi tas-sejbiet disponibbli minn kull proċediment għall-konċessjoni ta' dritt nazzjonali għall-varjetà tal-pjanta skond l-Artikolu 116(3) tar-Regolament Bażiku. Dan il-piż amministrattiv għandu jkun mistħoqq l-aktar tard sat-30 ta' Novembru 1995.

3. Minkejja l-Artikolu 8(5), l-awtoritajiet li quddiemhom ikunu saru l-proċedimenti għall-konċessjoni tad-dritt nazzjonali għal varjetaàta' pjanta jistgħu jimponu fuq l-applikant għal dritt Komunitarju għal varjetà ta' pjanta piż talli għamli disponibbli d-dokumenti rilevanti fuq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 93(3) tar-Regolament tal-Proċedimenti. Dan il-piż ma għandux jaqbeż il-piż impost fl-Istat Membru interessat għat-trasmissjoni ta' rapport ta' l-eżami mill-awtorità ta' l-eżamijiet f'pajjiż ieħor; il-ħlas tiegħu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħlasijiet li jridu jintgħamli skond il-paragrafi 1 u 2.

4. Minkejja l-Artikolu 8, piż tar-rapport ta' 300 ECU għandu jkun mistħoqq fil-każ ta' rapport ta' eżami referit fl-Artikolu 94 tar-Regolament tal-Proċedimenti f'dawk il-limiti taż-żmien kif għandu jispeċifika l-Uffiċċju.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **M2**

L-ANNEX I

Tariffi li jirrelataw ma' eżamijiet tekniċi kif imsemmija fl-Artikolu 8

It-tariffa li għandha titħallas għall-eżami tekniku ta' varjetà skond l-Artikolu 8 għandha tkun stabbilita, b'referenza għas-sena li fiha jibda l-perjodu tat-tkabbir u għall-grupp ta' l-ispeċji li minnu tkun tagħmel parti l-varjetà, skond it-tabella:

(l'Ewro)

Grupp tan-nefqa		► M3 Miżata għas-snin 2003 sa l-2006 ◀	► M3 Miżata għas-sena 2007 u ta wara ◀
Grupp agrikolu			
1	Uċuħ tar-raba regolari	1 020	1 020
2	Uċuħ tar-raba propagati veġittativament	1 190	1 190
3	Uċuħ tar-raba taż-żejt	1 020	1 020
4	Ħaxix	1 020	1 020
5	Uċuħ tar-raba tal-pitravi	1 020	1 020
6	Uċuħ tar-raba tal-fibri	1 020	1 020
7	Uċuħ tar-raba b'arranġamenti speċjali ta' test	1 020	1 020
8	Uċuħ tar-raba agrikoli oħra	1 020	1 020
Grupp ornamenti			
9	Speċji ta' kollezzjoni b'referenza ħajja, test tas-serra, kultivazzjoni twila	1 190	1 190
9A	Speċji ta' kollezzjoni b'referenza ħajja, test tas-serra, kultivazzjoni twila u kondizzjonijiet speċjali fitosanitarji	1 200	2 040
10	Speċji ta' kollezzjoni b'referenza ħajja, test tas-serra, kultivazzjoni qasira	1 105	1 105
11	Speċji ta' kollezzjoni b'referenza ħajja, test ta' barra, kultivazzjoni twila	1 105	1 105
12	Speċji ta' kollezzjoni b'referenza ħajja, test ta' barra, kultivazzjoni qasira	1 105	1 105
13	Speċji mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test tas-serra, kultivazzjoni twila	1 200	1 360
13-A	Speċji mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test tas-serra, kultivazzjoni twila bi stadju ieħor ta' propagazzjoni	1 200	2 040
14	Speċji mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test tas-serra, kultivazzjoni qasira	1 105	1 105
15	Speċji mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test ta' barra, kultivazzjoni twila	1 105	1 105
16	Speċji mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test ta' barra, kultivazzjoni qasira	1 105	1 105
17	Speċji ġodda, test tas-serra	1 190	1 190
18	Speċji ġodda, test ta' barra	1 190	1 190

▼ M2

19	Speċji propagati miż-żerriegħa (li ma jaqgħux taħt xi kategorija oħra)	1 200	1 360
----	--	-------	-------

Grupp veġetali

20	Speċji propagati miż-żerriegħa, test ta' barra	1 050	1 445
21	Speċji propagati miż-żerriegħa, test tas-serra	1 200	1 955
22	Speċji propagati veġettativament, test ta' barra	1 050	1 700
23	Speċji propagati veġettativament, test tas-serra	1 200	1 360

Gruppi ta' frott

24	Sigār	1 050	1 615
24-A	Speċji ta' sigār b'kollezzjoni kbira permanenti ta' referenza ħajja	1 050	2 380
25	Arbuxelli	1 050	1 190
26	Abitat tad-dwieli	1 050	1 190
27	Żraġen	1 050	1